MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 1518/2004

**Thomas Smith Insurance Agency Limited u b'digriet tat-Tribunal tat-12 ta Lulju 2006 isem l-attur gie jinqara Thomas Smith Insurance Agency Ltd (C 5637) bhala agent Lokali ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera Societa Italiana Assicurazioni e Riassicurazioni S.p.A. – SIAT hekk kif surrogata sija bil-polza kif ukoll bil-ligi fid-drittijiet tal-assikurat taghha Brian Camilleri (ID 109977M) u l-istess Brian Camilleri**

**vs**

**Gwendolyn Farrugia**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Lulju 2004 fejn intalab li l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lill-atturi s-somma ta' mitejn u erbgha u tletin lira sitta u sebghin centezmu (Lm234.76) rapprezentanti ammont ta' danni sofferti fil-vettura tal-attur numru ABI

419 f'incident stradali li sehh nhar id-19 ta' Marzu 2003 fi Triq il-Palma, Paola meta l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura numru DBE 786 ghal liema ncident l-istess konvenut kien unikament responsabbli.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta datata 24 ta' Awissu 2004 fejn eccepiet fl-ewwel lok li s-socjeta' attrici kif indikata ma hiex il-legittimu kontradittur peress li s-socjeta' assikuratrici nvoluta kienet wahda estera. Fit-tieni lok u fil-meritu il-konvenuta kkontestat ir-responsabbilita' tal-incident in kwistjoni u ghalhekk ma ghandha tigi kkundannata thallas ebda danni u fi kwalunkwe kaz tali danni ghandhom dejjem jigu ppruvati. B'riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjez kontra l-atturi.

Illi permezz ta' sentenza moghtija minn dan it-Tribunal fit-12 ta' Lulju 2006, giet respinta l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuta, kwindi awtorizza l-korrezzjoni fl-okkju tal-kawza kif mitlub mis-socjeta' attrici u konsegwentement ordna l-prosegwiment tal-kawza fuq il-meritu.

Ra r-risposta ulterjuri prezentata mill-konvenuta fis-17 ta' Awissu 2006 fejn eccepiet il-preskrizzjoni tal-azzjoni odjerna ai termini tal-artikolu 2153 Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra l-kopja awtentikata tal-ittra ufficjali datata 14 ta' Jannar 2005 prezentata mill-atturi fit-22 ta' Novembru 2006 bhala prova tal- interruzzjoni legali ghat-terminu preskrittiv;

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti fuq il-meritu proprju tal-kaz.

Sema t-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi l-kaz in ezami jikkoncerna kollizjoni bejn zewg vetturi f'inkrocju tat-toroq. Il-konvenuta kienet fuq quddiem sejra

taghmel manuvra li ddawwar ghal triq lejn il-lemin taghha filwaqt li l-attur kien gej minn warajha u kien ser jissorpassha. Id-differenza fil-verzjoni taz-zewg sewwieqa tinsab fil-fatt illi filwaqt li l-attur jallega li l-konvenuta qalghet f'daqqa minghajr ebda sinjal ta' xejn minn posizzjoni stazzjonarja waqt li huwa kien qed javvicinha ghas-sorpass, il-konvenuta tghid li hija nnotat bl-attur gej minn warajha hekk kif kienet sejra ddur fuq il-lemin, kwindi waqfet u l-attur laqghatha waqt li kienet wieqfa. Hekk giet rappurtata l-verzjoni taghhom fir-rapport tal-pulizija Dok JT1. PS 1439 Tabone jikkonfema bil-gurament tieghu dawn il-verzjonijiet moghtija. Jispjega oltre li l-konvenuta qaltlu li hija kienet naqset, l-ispeed, waqfet, xeghlet l-indicator u rat lill-attur gej minn xi wahda mill-mirja. Dwar x'qallu l-attur jispjega oltre li hekk kif ra lill-konvenuta taqla f'daqqa lejn il-lemin meta kien wasal ftit il-boghod minnha wara li kien raha wieqfa, huwa ghafas il-brake u l-gass f'daqqa u sehh l-impatt. Jinnega li l-konvenuta kellha xi indicator mixghul. Dan il-pulizija jikkonferma li z-zona fejn saret il-habta hija wahda residenzjali.

L-iskizz esebit Dok JT 2 huwa sinifikanti ghal dan il-kaz ghal fejn jindika l-vettura tal-konvenuta angolata lejn il-lemin biex iddur gewwa Triq il-Gdida – ghal brake marks li halla l-attur ta' 17-il metru – u ghall-fatt li t-triq in kwistjoni ma hiex daqshekk wiesgha tenut kont li hija triq two-way u ghall-fatt li l-vettura tal-attur ghaddiet lill-konvenuta minn fuq in-naha tal-lemin taghha.

Illi l-kwantum tad-danni jinsabu ampjament ippruvati permezz tad-dokumenti esebiti markati Dok MV 2 sa Dok MV 9.

L-attur jikkonferma bil-gurament tieghu l-verzjoni li huwa ta lil pulizija. Ghalkemm jinsisti li ra lill-konvenuta wieqfa minnghajr indikazzjoni, jikkonferma li ra fil-fetha li hemm fit-triq preciz kif indikata fuq l-iskizz, Dok JT2. Jikkonferma wkoll li huwa kien ser jaghmel manuvra ta' sorpass fuq in-naha ta' barra tal-konvenuta (cioe lemin) u kwindi hekk kif din iccaqalqet minn postha, huwa nfixghel u bi zball ghafas il-gass u brake f'daqqa bil-konsegwenza li skiddja

u sehh l-impatt. In kontro-ezami jsostni li ghalkemm jaqbel mal-iskizz, pero huwa jindika lill-vettura tal-konvenuta aktar lejn in-naha taghha tat-triq cioe fuq ix-xellug milli fin-nofs kif fil-fatt tinsab indikata. Jaqbel pero li sabiex huwa ttanta jaghmel is-sorpass fuq in-naha tal-lemin tat-triq, spicca fuq in-naha l-ohra tat-triq, meta kien ben konsapevoli li t-triq in kwistjoni kienet wahda two-way. L-attur ighid li ma jafx b'liema velocita kien ghaddej u kemm kien boghod meta nnota l-ewwel darba lill-konvenuta ticcaqlaq lejn il-lemin minn stationery position ghalkemm jaqbel li seta' kien boghod sa fejn jibdew il-brake marks. Ma dan naturalment trid izzid distanza ulterjuri bhala thinking distance.

Il-konvenuta tirrakkonta bil-gurament taghha d-dinamika tal-incident hekk kif rappurtat fir-rapport tal-pulizija. Tispjega li meta giet biex iddur ghal fuq il-lemin, - hija waqfet lejn in-nofs tat-triq – xeghlet l-indicator – dawret il-vettura taghha ftit angolata – u harset lejn il-mera tal-genb biex tara humiex gejjin vetturi. Kien f'dan il-mument li lemhet lill-attur gej minn warajha b'certu speed. In kontro-ezami tkompli tispjega li l-ewwel xeghlet l-indicator u mbaghad waqfet. Hija ssostni li hekk kif waqfet it-traffiku seta' jghaddi facilment kemm minn warajha fuq ix-xellug u kif ukoll minn quddiemha fuq il-lemin. Issostni wkoll li l-impatt sehh hekk kif kienet wieqfa u mhux minnu li hija f'xi mument qalghet mill-posizzjoni stazzjonarja li kienet. It-Tribunal isib li din il-verzjoni moghtija mill-konvenuta hija ferm kredibbli w inoltre tinsab konfortata kemm minn natura u entita tal-hsarat mgarrba fiz-zewg vetturi u kif ukoll mill-iskizz esebit Dok JT 2. Inoltre t-Tribunal ma jsib xejn hazin fil-manuvra ta' sewqan adoperata mill-konvenuta.

Mill-banda l-ohra it-Tribunal isib li l-attur ma kienx qed isuq b'mod xieraq. Fl-ewwel lok kien ghaddej bi speed mhux accettabbli ghal dik iz-zona in kwistjoni kif jindikaw it-tul tal-brake marka. Fit-tieni lok huwa ttenta jaghmel manuvra ta' sorpass ta' vettura minn fuq in-naha ta' barra taghha meta din l-istess vettura kienet wieqfa f'inkrocju proprju fuq il-lemin taghha u kwindi seta jissoponi li din kellha l-intenzjoni li ddur lejn dik in-naha anke jekk ghas-

sahha ta’ l-argument kien minnu li ma kellhiex indicator mixghul. Fi kwalunkwe kaz f’’kaz ta’ dubbju dwar l-intenzjoni tal-vettura ta’ quddiemu, kien imissu rrallenta u waqaf warajha qabel ma jkun cert x’sejra taghmel. It-triq ghalkemm two way ma tippermettix sewqan avventuruz tat-tip esercitat mill-attur. Jinghad ukoll li biex jaqla’ lill-konvenuta huwa spicca fuq in-naha l-ohra tat-triq cioe fil-karreggjata tal-vetturi gejjin mid-direzzjoni opposta meta seta’ facilment ighaddi minn fuq ix-xellug cioe n-naha ta’ gewwa tal-konvenuta kif jixhed l-istess skizz. In-nuqqas ta’ proper look out tal-attur waqt li ser jaghmel manuvra ta’ sorpass u l-ispeed eccessiv tieghu f’zona residenzjali tidher ukoll evidenti mit-tul tal-brake marks li halla warajh u mill-fatt li dan tant tfixkel meta ra lill-konvenuta quddiemu wieqfa jew mhix li minflok ghafas il-brakes biss ghafas il-gass ukoll bil-konsegwenza li skiddja, kwindi tilef il-kontroll tal-vettura tieghu, u habat mal-konvenuta.

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz billi fl-ewwel lok qed jichad l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-konvenuta dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni odjerna in vista tal-interruzzjoni legali tat-terminu tramite l-ittra ufficjali prezentata mill-attur fit-22 ta’ Novembru 2006 u fit-tieni lok u fil-meritu jiddikjara li l-attur kien unikament responsabbli tal-incident tat-traffiku in kwistjoni, kwindi jilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta fil-meritu u konsegwentement jichad l-istess talbiet attrici bl-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati in vista tad-decizjonijiet hawn moghtija kwantu ghal kwart mill-konvenuta u tliet kwarti mill-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------